KUNSILL TA'
L-UNJONI EWROPEA

Brussel, 15 ta' Ġunju 2005 (23.06)
(OR. de)

9298/1/05
REV 1

VISA 121
FRONT 95
COMIX 346

**NOTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Delegazzjoni Ġermaniża |
| lil: | Grupp ta' Ħidma dwar il-Viża |
| Suġġett: | Emenda għall-Anness 9 għall-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni (11272/2/04 VISA 137 COMIX 465 REV 2) |

Id-delegazzjoni Ġermaniża tixtieq tinforma lid-delegazzjonijiet bil-verżjoni ġdida li ġejja ta' l-entrata għall-Ġermanja fl-Anness 9 għall-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni:

L-entrata għall-Ġermanja (inklużi n-noti f'qiegħ il-paġna) għandha terġa' tinkiteb kif ġej:

ĠERMANJA

1. L-isem ta' l-uffiċjal responsabbli għall-ħruġ tal-viżi

2. Fil-każijiet fejn hemm riskji għas-sigurtà, speċjalment jekk teżisti allerta għall-arrest tal-persuna, il-post Ġermaniż għandu juri, b'mod eċċezzjonali, l-isem tal-post u d-data tad-dħul.

3. It-tikketta tindika b'mod eċċezzjonali n-nazzjonalità tad-detentur tal-viża u l-passaport, jekk din mhix ovvja mill-passaport.

4. Endorsjar jew restrizzjonijiet fuq viżi Ċ:

- Diplomatischer Kurier (posta/kurrier diplomatiku)
- Visa de Courtoisie (viża ta' korteżija)
- Visa de Courtoisie/Dienstreise (viża ta' korteżija għal vjaġġ fuq ħidma uffiċjali)
- Gratis-Visum (viża mingħajr ħlas)
- Gratis-Visum/Dienstreise (viża mingħajr ħlas għal vjaġġ fuq ħidma uffiċjali)
- Besuchs-/Geschäftsvisum (viża ta' żjara/ħidma)

– Touristisches Visum (viża turistika)
– Medizinische Behandlung (trattament mediku)
– Erwerbstätigkeit nicht gestattet, Tätigkeiten gem. §...i.V.m. §16 BeschV gestattet (ħidma pprojbita, attivitajiet permessi skond il-paragrafu... flimkien mal-paragrafu 16 tar-Regolament dwar l-Impjiegi)[1]
– Nur selbständige Tätigkeiten nach §...i.V.m §16 BeschV gestattet (Attivitajiet biss bħala persuna taħdem għal rasha kif permess bil-paragrafu ... flimkien mal-paragrafu 16 tar-Regolament dwar l-Impjiegi)
– R (+ kodiċi ta' l-Istat rappreżentat)
– Nachweis der Krankenversicherung nicht erforderlich (prova ta' l-assigurazzjoni fuq is-saħħa mhix meħtieġa) [2]
– ADS [3]
– Nur in Begleitung des Arbeitgebers/der Familie (akkumpanjat biss minn min iħaddem/mill-familja).
– Teilnahme an Sportsveranstaltungen (parteċipazzjoni f'avvenimenti sportivi)

---

[1] Din ir-restrizzjoni tiġi applikata f'każijiet meta ċerti attivitajiet, iddefiniti b'mod aktar speċifiku bl-inserzjoni tas-sors aktar preċiż fir-Regolament dwar l-Impjiegi, ser jiġu persegwiti fil-Ġermanja, li skond il-paragrafu 16 tar-Regolament dwar l-Impjiegi mhumiex xogħol kif iddefinit fl-Att dwar ir-Residenza jekk isiru għal mhux aktar minn tliet xhur fi żmien perijodu ta' tnax-il xahar fit-territorju tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja.

[2] Ara l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Diċembru 2003 dwar l-emenda tal-Parti V, punt 1.4, ta' l-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni u l-Parti I, punt 4.1.2 tal-Manwal Komuni fir-rigward ta' l-inklużjoni tal-ħtieġa ta' pussess ta' assigurazzjoni medika ta' l-ivvjaġġar bħala wieħed mid-dokumenti ta' sostenn għall-għoti ta' viża tad-dħul uniformi (ĠU Nru L 5, p. 79 et seq., 9.1.2004).

[3] Ara l-Artikolu 4(3)(ċ) tal-Memorandum ta' Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Amministrazzjoni Nazzjonali tat-Turiżmu tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina dwar il-viża u suġġetti relatati rigward gruppi ta' turisti mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ADS), ĠU Nru L 83, p. 14 et seq.

5. Endorsjar jew restrizzjonijiet fuq viżi D[4], Ċ u Ċ+D partikolari:

- Diplomatisches Visum (viża diplomatika)
- Dienstliches Visum (viża ta' servizz)
- Studium, Beschäftigung nur gem. §16 Abs. 3 AufenthG gestattet (studju, impjieg kif permess biss skond il-paragrafu 16(3) ta' l-Att dwar ir-Residenza)
- Studienbewerbervisum (viża ta' applikant ta' studju)
- Sprachkurs (kors ta' lingwa)
- Erwerbstätigkeit nicht gestattet (impjieg mhux permess)
- Erwerbstätigkeit nicht gestattet (impjieg ieħor mhux permess)
- Aufenthaltsanzeige nach Einreise (il-preżenza trid tkun irrappurtata wara d-dħul) [5]
- Selbständige Erwerbstätigkeit als .... gestattet (xogħol *self-employed* bħala .... [6] hu permess)
- Beschäftigung nur gem. §... BeschV gestattet (impjieg permess biss kif hemm fil-paragrafu ... [7] tar-Regolament dwar l-Impjiegi)
- 

4 Għall-viżi D l-Ġermanja tirriżerva d-dritt li tippreskrivi restrizzjonijiet u kondizzjonijiet ulterjuri kif ukoll endorsjar addizzjonali speċifiku.

5 F'ċerti każijiet biss (eż. fuq talba ta' awtorità interna Ġermaniża għall-barranin).

6 L-isem preċiż tax-xogħol *self-employed* li hu permess jiddaħħal hawn.

7 It-tip ta' xogħol li jista' jsir fil-Ġermanja hu speċifikat hawn, bl-inserzjoni tas-sors fir-Regolament dwar l-Impjiegi (Beschäftigungsverordnung - BeschV).

- Beschäftigung nur gem. §39 BeschV i.V.m. Werkvertragsarbeitnehmerkarte gestattet (impjieg permess biss kif hemm fil-paragrafu 39 tar-Regolament dwar l-Impjiegi flimkien mal-karta tal-ħaddiem tal-kuntratt tax-xogħol)
- Visumerteilung nach "Van der Elst" (viża maħruġa skond is-sentenza "Van der Elst")
- Familienzusammenführung (riunifikazzjoni tal-familja)
- Eheschließung und gemeinsame Wohnsitznahme (żwieġ u residenza komuni)
- Aufnahme nach §23 Abs. 2 AufenthG (ammissjoni skond il-paragrafu 23(2) ta' l-Att dwar ir-Residenza)
- Spätaussiedler (Ġermaniżi etniċi li jirritornaw minn barra fi żminijiet reċenti)
- mit Bedingungen/Auflagen versehen (soġġett għal kondizzjonijiet/restrizzjonijiet)[8]
- Die Aufenthaltsdauer entspricht dem in Zeile 2 eingetragenen Gültigkeitszeitraum (it-tul tal-preżenza jkun konformi mal-perijodu ta' validità indikat fil-linja 2)
- ABH... (awtorità ta' l-immigrazzjoni)[9]

---

[8] Il-kondizzjonijiet/restrizzjonijiet jiddaħħlu fil-passaport maġenb it-tikketta tal-viża.

[9] Meta l-viża tkun inħarġet bil-kunsens ta' awtorità Ġermaniża ta' l-immigrazzjoni, l-isem ta' l-awtorità jiddaħħal hawn.